MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Rikors Numru. 149/2002/1

**Salvino Busuttil u Antoinette Busuttil.**

**-vs-**

**Agostino Baldacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-8 ta’ Frar, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi permezz ta’ rikors datat 17 ta’ Lulju, 2001, l-intimati talab u ottjena il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru bin-numru 2147/01 kontra l-esponent fl-ammont ta’ tnax-il elf lira

Maltin (Lm12,000) u bil-kawzali indikati bhala ‘danni sofferti mir-rikorrent wara bejgh ta’ oggetti bis-subbasta liema subbasta sussegwentement giet dikjarata nulla u bla effett, pretensjoni dedotta permezz ta’ kawza fl-istess ismijiet.’

Illi l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju de quo m’ghandux jinzamm fis-sehh u dana ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-intimati kien debituri tal-esponent u ghalhekk l-esponent kien ipproceda permezz ta’ mandat ta’ qbid u imbaghad permezz ta’ subasta halli jbiegh oggetti mobbli illi kienu jappartjenu lill-intimati u dana sabiex jithallas is-somma dovuta lilu.

Illi l-esponent dejjem mexa mal-ordnijiet tal-Qorti fil-proceduri tas-subbasta kontra l-intimati.

Illi l-esponent jirrileva illi huwa spicca illi minn din il-procedura tas-subbasta ma thallasx l-ammont kollu dovut lilu u l-intimati lanqas sahansitra ma hallsu lill-esponent l-ispejjez tar-registru u d-drittijiet tal-konsulent legali tieghu in konnessjoni mal-istess proceduri.

2. Illi l-esponent gie rinfaccjat b’kawza ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta’ danni promossa mill-intimati fejn huma qeghdin isostnu illi l-proceduri tas-subbasta kienu gew iddikjarati nulli u bla effett (Ara l-kawza fl-istess ismijiet bic-citazzjoni numru 1347/01 JRM).

3. Illi, in oltre, l-esponent lanqas biss gie innotifikat bil-mandat in kwistjoni u sar jaf bih biss nhar il-Hamis, 7 ta’ Frar, 2002 u cioe’ xhur wara li dan il-mandat sar mill-intimati u meta huwa mar il-Bank u gie informat illi c-

cekkijiet mahruga minnu ma kinux qeghdin jigu onorati minhabba tali sekwestru.

4. Illi l-esponent jirrileva illi ma jistax jifhem kif l-intimati waslu sabiex jaghmlu mandat ta' sekwestru meta kif gia' spjegat huwa l-esponent illi ghad baqghalu jiehu minghand l-intimati u m'hux bil-kontra.

5. Illi, in oltre, l-esponent jirrileva illi ma jistax jifhem kif bhala, danni subiti mill-intimati, dawn waslu ghall-komputazzjoni ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) meta l-proceduri tas-subbasta kienu jirrigwardaw oggetti illi jwasslu ghal ftit mijiet.

6. Illi ghalhekk l-esponent jirrileva illi l-ammonti mitlub fil-mandat u cioe' l-ammont ta' Lm12,000 huwa wiehed esagerat u eccessiv.

7. Illi minn dan jidher bic-car illi l-mandat ta' sekwestru min-naha tal-intimati fil-konfront tal-esponent huwa wiehed frivolu u vessatorju u m'huwiex ibbazat fuq xi pretensjoni fondata tal-intimati fil-konfront tal-esponent.

8. Illi dan il-mandat qed jirreka pregudizzju kbir lill-esponent ghaliex minhabba tali sekwestru huwa ma jistax ikompli fix-xoghol ghaliex ghandu flusu mizmum l-Bank.

9. Illi, in oltre, mart l-esponent illi ma tinkwadra f'xejn f'dawn il-proceduri ghandhha flusha wkoll mizmuma l-Bank stante illi hija ghandha depoziti bankarji tat-tip 'joint' ma' zewgha l-esponent u ghalhekk hija qieghda pregudizzju inutilment u m'hux gustifikat.

10. Illi, in oltre u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ghandu fondi adekwati sabiex tkopri l-

pretensjoni tal-intimati jew tezisti fil-ligi ghalhekk ghal kull bon fini t-talba ghall-hrug tal-mandat m'hija bla ebda mod gustifikata.

11. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati ma talbux lill-esponent sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni fi zmien hmistax-il jum qabel gie ippresentat il-mandat ta' sekwestru de quo.

12. Illi in oltre l-intimati ma talbux lill-esponent sabiex jipprovdi garanzija jew sigurta' bizzejjed, u ghalhekk, a tenur ta' l-Artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-esponenti huma intitolati li jitolbu l-hlas penali minghand l-intimati.

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-esponent umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Titratta tali rikors b'urgenza tenendo kont ic-cirkostanzi hawn fuq spjegati.

2. Tirrevoka, thassar u tikkancella il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 2147/01 ai termini tal-Artikolu 836(1)(b)(c)(d) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallasu lill-esponent dik is-somma ta' m'hux anqas minn hames mitt lira Maltin u m'hux aktar minn tlett elef lira Maltin bhala penali u dan ai termini tal-Artikolu 836(8)(b), (c) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fin-nuqqas li tilqa' l-ewwel talba u/jew it-tieni talba, tikkundanna lill-intimata sabiex, a tenur tal-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepositaw

fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li taghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 2147/01.

Rat ir-risposta ta’ Salvino Busuttil Et ippresentata fl-24 ta’ Lulju 2002 li permezz taghha espona bil-qima.

1. Illi huwa minnu bhala fatt illi hemm sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell illi sabet illi l-proceduri tas-subbasta kienu irriti u ghalhekk nulli u l-esponenti qed jipprocedu quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghall-azzjoni ghad-danni.

2. Illi r-rikorrenti ma indikax fuq liema bazi ta’ l-artikolu 836(1) qed jibbasa t-talbiet tieghu pero’ qed jifhem illi qed ighid illi mhux ragonevoli jew gustifikat li jibqa’ fis-sehh u jew li jezistu garanziji alternativi u dwar dan ghandhom jigu jingiebu l-provi; fi kwalunkwe kaz il-bazi ghandha tigi kjarament indikata.

3. Illi ma gietx demostrata jew stabbilita bazi sabiex tigi gustifikata r-revoka tal-Mandat u ghalhekk dwar dan ghandhom ukoll isiru provi ulterjuri.

4. Illi t-tieni talba cioe’ il-kundanna ghall-garanzija fi zmien ffisat mill-Qorti u fin-nuqqas jaqa’ l-Mandat mhix kompatibbli ma’ l-ewwel talba.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Mejju 2004 illi permezz tieghu ir-rikors thalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrent u cioe’ Agostino Baldacchino qed jitlob ir-revoka ta’ mandat ta’ sekwestru ai termini tal-Artiklu 836 tal-Kap 12.

Il-fatti illi taw lok ghal dawn il-proceduri huma pjuttost insoliti. Il-rikorrenti kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ qbid kontra l-intimati konjugi Busuttil. Talab li jsir il-bejgh in

subasta taghhom u inghata digriet f'dan is-sens. Gara pero' li kien hemm it-trapass ta' sena minn rikors ghall-iehor u ghalhekk l-intimati intavolaw kawza fejn talbu n-nullita' tal-proceduri liema talba giet akkolta; madankollu fil-frattemp il-bejgh kien sar. Allura huma intavolaw ukoll proceduri ohra fejn qed jitolbu l-hlas tad-danni minhabba f'hekk. Kien hawn li biex jikkawtelaw l-allegat kreditu, li ottjenew il-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru.

L-artiklu 836 jipprospetta diversi sitwazzjonijiet fejn mandat kawtelatoru jista' jigi revokat in toto jew parzjalment. Is-subartikoli invokati mir-rikorrenti huma;

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*
*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tisssodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talaba il-hrug tal-att ....*
*(d) jekk tintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv,*
*....*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex iktar mehtieg jew gustifikabbli.*

L-ewwel zewg kawzali imsemmija ma gewx fil-fatt sostnuti mill-provi ghaliex ir-rikorrent ma gab ebda prova la li xi wahda mill-kondizzjonijiet rikjesti ghall-hrug tal-mandat giet nieqsa u lanqas ma gab xi garanzija ohra li tista' taghmel tajjeb f'kaz li t-talba tal-intimati tigi fil-fatt milqugha mill-Qorti fil-kawza li fethu.

Fir-rigward tal-kawzali li l-ligi tahseb fi-subartiklu (d) ghandhu jinghad li fil-fehma tal-Qorti l-ammont sekwestrat jidher eccessiv. Jirrizulta infatti mill-provi li ghalkemm l-intimati talbu l-hrug tal-mandat ghall-ammont ta' Lm12,000, huma qed jitolbu l-hlas ta' danni minhabba l-bejgh tal-oggetti mobbli li fil-fatt taghhom kienu ingabru ftit mijiet ta' liri fil-bejgh tas-subasta. L-intimat Busuttil biex izid id-doza qal fid-deposizzjoni tieghu li biex jirripjazza l-

oggetti li gew mibjugha ghandhu bzonn jonfoq Lm17,000. Fil-fatt huwa stess seta' imminimizza d-danni billi jhallas biex l-oggetti li kienu se jinbighu kien jixtrihom hu stess bi prezz ferm inqas.

Jidher car li l-intimati talbu l-hrug ta' dan il-mandat biex ipattuha lir-rikorrent. Dan mhux l-iskop tal-mandati kawtelatorji. L-iskop ghandhu jkun li l-allegat kreditu ma jigix eluz u mhux it-tpattija.

Il-Qorti mhijiex se tidhol fil-mertu tal-kaz ghaliex mhux skop ta' dawn il-proceduri izda jidhrilha ukoll li jezitu ragunijiet sija taht is-subartikolu (d) u sija taht (f) biex il-mandat jigi mnehhi ghaliex fic-cirkostanzi ma jidhirx li jkun ragonevoli li l-mandat jibqa' fis-sehh u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Il-Qorti mhijex se tordna l-hlas tal-penali ghaliex ma thossx li ghandha taghmel dan fic-cirkostanzi tal-kaz u ma tridx li tkompli tghakkes lill-intimati ghaliex ghalkemm ir-reazzjoni taghhom mhix gustifikata, il-Qorti tifhem ir-rabja ta' min jigi spussessat minn hwejjgu anke permezz ta' proceduri legali izda specjalment f'dan il-kaz fejn l-ahhar stadju tal-proceduri gew dikjarati nulli meta kif nghidu bil-Malti, il-froga kienet gia' saret. Ghal dawn il-mottivi ukoll il-Qorti se tkun moderata fil-kap tal-ispejjes.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba u tirrevoka u thassar il-mandat ta'**

**sekwestru numru 2147/01 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artiklu 836 (1) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tichad it-tielet talba; minhabba li l-Qorti laqghet it-tieni talba ma hemmx lok ghall provvediment dwar ir-raba talba u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess; l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------